MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 743/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**MARTIN ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Martin Attard, ta' 45 sena, bin Alfred u Vincenza, imwieled H'Attard fl-20 ta' Novembru, 1962 u li joqghod 65, Triq Tas-Sliema, Gzira. Detentur tal-karta tal-identita' numru 698262M

Gie akkuzat:

talli f'April 2009 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igeghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu **(€2,329.37)** ghad-dannu ta' Venera Willoughby u/jew Santo Stefano Scardaci.

2. talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qligh, kiteb fuqha xi haga li tkun ta' hsara ghal persuna ohra, jew bl-istess hsieb zid fuq karta in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u li jinsabu a fol. 85 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni

tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artkoli 308, 309, 310 (1) (a), 18, 297, 17, 23 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Martin Attard, fuq ammisjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Martin Attard ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Martin Attard jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Martin Attard l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------